MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' April, 2012

Rikors Numru. 356/2011

**vs**
**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

1. Illi r-rikorrenti izzewweg lill-intimata fil-29 ta' Dicembru 2000 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

*2.* Illi fil-09 ta' Gunju 2005 il-kontendenti infirdu permezz ta' separazzjoni konsenswali ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni pubblikat minn-nutar Liza Camilleri, illum Schembri – kopja legali hawn annessa u markata bhala Dokument « A ».

*3.* Illi ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;

*4.* Illi ir-rikorrenti jhoss li ghandu jaqta’ kull rabta mal-intimata u jixtieq li juzufruwixxi ruhu minn dak li jipprovdi is-subtitolu IV tat-Titolu 1 tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili (kif gie emendat bl-effetti tal-Att XIV tas-sena korrenti) u allura li jiddivvorzja minn martu b’mod li kull legam maghha jinqata’ darba ghal dejjem.

5. Illi ma hemm ebda manteniment x’jithallas billi ma kien hemm ebda wild minn dan iz-zwieg

6. Illi il-partijiet huma it-tnejn residenti u domiciljati hawn Malta

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1) tiddikjara u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti ghal ragunijiet fuq moghtija u cioe li ilhom separati legalment ghal aktar minn erba’ snin u peress li ma hemm ebda possibilita` ta’ rikonciljazzjoni bejniethom u

2) tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien stabbilit minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha;

Rat ir-risposta tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi l-esponenti taqbel mal-premessi tar-rikorrent senjatament li l-partijiet ilhom separati ghal iktar minn erba’ snin;
2. Illi l-esponenti taqbel li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
3. Illi lanqas ma hemm kwistjoni bejn il-partijiet fuq manteniment stante li l-ebda parti mhux ser tmantni lil l-ohra;

4. Illi peress li l-esponenti ma tahtiex kemm ghas-separazzjoni u kemm ghall-hall taz-zwieg, l-esponenti tikkontenti li m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-procedura u li zewgha ghandu ihallas l-ispejjez tar-risposta minnha imressqa;
5. L-esponenti tirriserva il-posizzjoni legali taghha ulterjorment;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Novembru, 2011;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-intimata tixhed;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti issodisfa ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom separati legalment sa mid-9 ta' Gunju 2005;

Illi gie ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u illi l-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni taghhom kienu irrinunzjaw ghad-dritt illi jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------